2025/309

17.2.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/309

tal-14 ta' Frar 2025

li jagħmel l-importazzjonijiet ta' ċertu qamħirrum bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina soġġett għar-reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li informat lill-Istati Membri,

Billi:

(1) Fid-9 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") ħabbret, permezz ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2], il-bidu ta' proċediment anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċertu qamħirrum bil-qalba ppreparat jew ippreservat, li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

(2) Dan il-bidu segwa lment ippreżentat fil-25 ta' Ottubru 2024 mill-"Assoċjazzjoni Européenne des Transformateurs de Maïs Doux (AETMD)" f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' ċertu qamħirrum bil-qalba ppreparat jew ippreservat.

1. PRODOTT SOĠĠETT GĦAR-REĠISTRAZZJONI

(3) Il-prodott soġġett għar-reġistrazzjoni ("il-prodott ikkonċernat") huwa qamħirrum ħelu (Zea mays var. saccharata) bil-qalba, ippreparat jew ippreżervat permezz tal-ħall jew tal-aċidu aċetiku, mhux iffriżat u qamħirrum ħelu (Zea mays var. saccharata) bil-qalba, ippreparat jew ippreservat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, mhux iffriżat, għajr prodotti tal-intestatura 2006.

(4) Il-prodott ikkonċernat bħalissa huwa kklassifikat taħt il-kodiċijiet NM ex 2001 90 30 (kodiċi TARIC 2001 90 30 10) u ex 2005 80 00 (kodiċi TARIC 2005 80 00 10). Il-kodiċijiet NM u TARIC huma mogħtija għall-informazzjoni biss u bla ħsara għal bdil sussegwenti fil-klassifikazzjoni tariffarja.

2. REĠISTRAZZJONI

(5) Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat jistgħu jsiru soġġetti għal reġistrazzjoni bl-għan li jiġi żgurat li, jekk l-investigazzjoni tirriżulta f'sejbiet li jwasslu għall-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping, dawk id-dazji jistgħu, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet meħtieġa, jiġu imposti retroattivament fuq l-importazzjonijiet irreġistrati skont id-dispożizzjonijiet legali applikabbli.

(6) Il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħmel l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat soġġetti għal reġistrazzjoni fuq inizjattiva tagħha stess skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku. Il-kundizzjonijiet għall-ġbir retroattiv tad-dazji se jiġu vvalutati fir-regolament li jimponi dazji definittivi, jekk ikun hemm.

(7) Kwalunkwe obbligazzjoni futura tiġi mis-sejbiet tal-investigazzjoni.

(8) Il-kalkoli forniti fl-ilment li jitlob il-bidu ta' investigazzjoni anti-dumping jistmaw marġnijiet tad-dumping ta' bejn 95 % u 105 % u livell medju ta' eliminazzjoni tad-dannu ta' bejn 110 % u 120 % għall-prodott ikkonċernat għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2023 sat-30 ta' Settembru 2024. L-ammont ta' obbligazzjoni futura possibbli normalment jiġi stabbilit fl-aktar livell baxx ta' dawk iż-żewġ livelli f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku.

[1] ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj.
[2] ĠU C, C/2024/7407, 9.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/7407/oj.

(9) Jekk, matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni ssib evidenza ta' distorsjonijiet fil-materja prima skont l-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku, l-ammont ta' responsabbiltà futura possibbli jiġi stabbilit fil-livell tal-marġni tad-dumping kif previst fl-Artikolu 7(2b) tar-Regolament bażiku jekk jiġi konkluż li dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ma jkunx biżżejjed biex jitneħħa d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(10) Madankollu, f'dan l-istadju, il-Kummissjoni mhijiex f'pożizzjoni li tagħti stima tal-ammont ta' obbligazzjoni futura possibbli. Għalhekk, l-ammonti msemmija fl-ilment huma biss għal skopijiet ta' informazzjoni u ma jistgħux joħolqu aspettattivi dwar il-livell attwali ta' obbligazzjoni li se jiġi stabbilit bħala riżultat tal-investigazzjoni.

3. **IPPROĊESSAR TA' *DATA* PERSONALI**

(11) Kwalunkwe *data* personali miġbura fil-kuntest ta' din ir-reġistrazzjoni se tiġi ttrattata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036, biex jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' qamħirrun ħelu (*Zea mays* var. *saccharata*) bil-qalba, ippreparat jew ippreservat bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, mhux iffriżat u qamħirrun ħelu (*Zea mays* var. *saccharata*) bil-qalba ppreparat jew ippreservat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, mhux iffriżat, għajr prodotti tal-intestatura 2006, attwalment ikklassifikati taħt il-kodiċijiet NM ex 2001 90 30 (kodiċi TARIC 2001 90 30 10) u ex 2005 80 00 (kodiċi TARIC 2005 80 00 10), u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([3]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).